DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
23/6/2022	Portmoni, flus	Marlon Hili
23/6/2022	Kartiera, flus	Loknaryan Poudyel
23/6/2022	Mobile	Paolo Zuccarini
23/6/2022	Ċurkett	Vlatko Dimeski
23/6/2022	Mobile	James Bonello
24/6/2022	Flus	Doris A. Scerri Gill
24/6/2022	Kartiera, cards	Santa Costa
24/6/2022	Portmoni, flus	Jacquiline Galea
27/6/2022	Mobile	Darren Abela
28/6/2022	iWatch	Christian Bugeja
30/6/2022	Mobile	Victor Incorvaja
30/6/2022	Ġiżirana	Joseph Leone Ganado
30/6/2022	Ħwejjeġ, baskett	Joseph Leone Ganado
30/6/2022	Mobile	Samuel Garcia Asuncion
30/6/2022	Portmoni, cards	Leonard Muscat
30/6/2022	iPhone	Plamen M. Troa Nski

L-4 ta' Ottubru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 174 tal-2022

Iffilmjar mir-Rinella – Malta Film Studios – Hashasheen – Orizzont Mingħajr Ostakli

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lill-operaturi tal-bastimenti li se jsir iffilmjar fir-Rinella – Malta Film Studios.

L-iffilmjar se jsir kif ġej:

Nhar l-Erbgħa, 12 ta' Ottubru, 2022, mis-6.00 a.m. sas-6.00 p.m.

Minħabba dan, jinħtieġ li jinżamm orizzont mhux ostakolat.

Il-baħħara li jgħaddu miż-żona 'l barra mill-Malta Film Studios fid-dati u l-ħinijiet imsemmija huma mitluba li jsegwu fuq VHF Channel 12 u jikkoperaw mal-ekwipaġġ tal-iffilmjar u mal-uffiċjali tal-infurzar fiż-żona.

Kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS għandhom jiġu mħarsa.

Charts affettwati: BA 177, 2538

L-4 ta' Ottubru, 2022

4th October, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 174 of 2022

Filming from Rinella – Malta Film Studios – Hashasheen – Clear Horizon

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and operators of vessels that filming activities will take place at Rinella – Malta Film Studios.

The filming will take place as follows:

On Wednesday, 12th October, 2022, from 6.00 a.m. till 6.00 p.m.

In view of the above a clear horizon is required for filming purposes.

Mariners transiting the area seaward of the Malta Film Studios on the mentioned dates and times are requested to keep watch on VHF Channel 12 and to cooperate with the filming crew and enforcement personnel in the area.

Any instructions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS are to be complied with.

Charts affected: BA 177, 2538

4th October, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 35 tal-2022

Sondaġġ batimetriku u tħammil ta' manutenzjoni fil-Malta Freeport Terminals

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jsir sondaġġ batimetriku, u tħammil ta' manutenzjoni fil-Malta Freeport Terminals.

Is-sondaġġ batimetriku u t-tħammil se jsiru fiż-żona magħluqa bil-linji immaġinarji kulur maġenta fil-punti A, B, C, D.

Is-sondaġġ batimetriku ta' qabel it-tħammil se jsir bejn it-Tnejn, 17 ta' Ottubru u l-Ħadd, 23 ta' Ottubru, 2022, filwaqt li l-mobilizzazzjoni tat-tagħmir u t-tħammil se jibdew mill-24 ta' Ottubru, 2022, 'il quddiem.

It-tħammil se jkompli sas-Sibt, l-1 ta' April, 2023, jew sa avviż ieħor.

Id-dredger Sea Dragon se jkun qed jgħabbi l-materjal fuq il-barkuni Sea Hopper, San Paolo, u San Carlo, li meta jkunu mgħobbija se jbaħħru lejn iż-żona tar-rimi biex jarmu l-materjal u jerġgħu lura lejn il-Port ta' Marsaxlokk. Id-dgħajsa tax-xogħol Betty se tkun qed tassisti waqt it-tħammil.

Il-baħħara għandhom iżommu joqogħdu attenti u jinnavigaw b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanzi u jagħtu lill-bastimenti msemmija hawn fuq spazju wiesa' meta jintlemħu.

Huma għandhom jobdu kull struzzjoni li tinħareġ minn Marsaxlokk Port Control (Marsaxlokk VTS) fuq il-VHF Channel 14 u l-organizzaturi.

Chart affettwat: BA 36

L-4 ta' Ottubru, 2022

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 35 of 2022

Bathymetric surveying and maintenance dredging at Malta Freeport Terminals

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that bathymetric surveying, and maintenance dredging will be carried out at Malta Freeport Terminals.

The bathymetric surveying and dredging will be carried out within the area enclosed by the magenta imaginary lines at the points A, B, C, D.

The Pre-dredge bathymetric survey will be carried out between Monday, 17th October and Sunday, 23rd October, 2022, whilst the mobilisation of equipment and dredging will commence on 24th October, 2022, onwards.

The dredging works will continue until the Saturday, 1st April, 2023, or until further notice.

Dredger Sea Dragon will be loading the material onto the hopper barges Sea Hopper, San Paolo, and San Carlo which when loaded will sail to the dumping area to dump the dredged material and return to Marsaxlokk Harbour. The work boat Betty will be assisting during the dredging.

Mariners are to keep a sharp lookout and navigate at slow speed when in the vicinity and give the above-mentioned vessels a wide berth when sighted.

They are to obey any instructions that are issued by Marsaxlokk Port Control (Marsaxlokk VTS) on VHF Channel 14 and the organisers.

Chart affected: BA 36

4th October, 2022

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għall-għoti ta' servizz bħala Resource Leader għat-Tisħiħ fil-Litteriżmu permezz tal-isports f'Għawdex (it-tieni sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden lill-kandidati eliġibbli li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom bħala Resource Leader għat-tisħiħ fil-litteriżmu permezz tal-isports, f'Għawdex, għall-perjodu bejn it-3 ta' Novembru, 2022, u l-31 ta' Lulju, 2023, biex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu dan is-servizz. Is-servizz qed jintalab

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Expression of Interest for the services of Enhancing Literacy through Sports (ELS) Resource Leader in Gozo (second call)

The National Literacy Agency invites eligible candidates who would like to offer their services as Enhancing literacy through sports (ELS) Resource Leader, in Gozo, for the period between 3rd November, 2022, and 31st July, 2023, to express their interest to provide such service. The service is being requested on a contract for service basis of up to 10

fuq bażi ta' kuntratt għal servizz sa massimu ta' 10 sigħat fil-ġimgħa. Is-servizz jitħallas bi €11.23 fis-siegħa, inkluża l-VAT jekk applikabbli. L-applikanti għandhom ikunu regolarment disponibbli jumejn fissi mit-Tnejn sal-Erbgħa mis-1.30 p.m. sal-16:30 għal tul il-kuntratt. L-applikanti se jintalbu jattendu għal intervista.

1. Dmirijiet u Responsabbiltajiet Ewlenin

Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-kandidat/i magħżula jinkludu:

L-ippjanar, it-tħejjija, l-organizzazzjoni u l-għoti ta' firxa varjata ta' attivitajiet u programmi sportivi għal tfal u żgħażagħ bejn is-6 snin u t-13-il sena, maħsuba biex itejbu l-ħiliet tal-litteriżmu tagħhom;

It-tħejjija, l-immaniġġjar u s-superviżjoni tat-tagħmir sportiv kollu meħtieġ għall-attivitajiet;

Is-sostenn ta' ambjent sikur għall-parteċipanti kollha matul l-attivitajiet sportivi;

Il-kollaborazzjoni mal-Promoturi tar-Riżorsi tal-Litteriżmu fit-tħejjija, l-organizzazzjoni u t-twettiq tal-attivitajiet sportivi kollha;

Ħidma flimkien bħala tim li tikkontribwixxi għal programmi differenzjati u l-evalwazzjoni tal-livelli tal-litteriżmu;

Ħidma kollaborattiva mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiġu pprovduti servizzi/inizjattivi ta' kwalità u f'waqthom;

Iż-żamma ta' rekords, profili u statistika regolari kif meħtieġ.

2. Kriterji ta' Eliġibbiltà

2.1 Kwalifika ta' kowċ maħruġa minn organizzazzjoni tal-isport reġistrata u rikonoxxuta minn Sport Malta,

2.2 Mill-inqas 10 snin esperjenza bħala plejer tal-futbol,
2.3 Mill-inqas ħames (5) snin esperjenza bħala kowċ fil-futbol,

2.4. ĊES (Gradi 1-5) bil-Malti, l-Ingliż u l-Matematika, u suġġett ieħor, preferibbilment suġġett tax-xjenza, jew ekwivalenti, jew ogħla,

2.5 Kompetenza fl-applikazzjonijiet tal-IT fil-livell tal-ECDL speċjalment Word u email, jew ekwivalenti,

2.6 Proficjenza fil-Malti u fl-Ingliż, mitkellma u miktuba,

hours of service per week. Service is remunerated at Euro 11.23 per hour, inclusive of VAT if applicable. Applicants must be regularly available on two fixed working days from Monday to Wednesday from 1.30 p.m. to 16:30 for the duration of the contract. Applicants will be required to sit for an interview.

1. Main Duties and Responsibilities

The duties and responsibilities of the selected candidate/s shall include:

Planning, preparing, organising and delivering a varied range of sport activities and programmes for 6- to 13-year-olds intended to enhance literacy skills;

Setting up, managing and supervising all sport equipment needed for the activities;

Ensuring a safe environment for all participants during the sport activities;

Liaising with the Literacy Resource Leaders in the preparation, organisation and delivery of all sport activities;

Through a team-based approach, contributing to differentiated programmes and evaluating literacy levels;

Maintaining a collaborative working relationship with the relevant stakeholders to ensure that quality and timely services/initiatives are provided;

Keeping regular records, profiles and statistics as necessary.

2. Eligibility Criteria

2.1 Any coaching qualification by a registered sport organisation recognised by Sport Malta,

2.2 At least 10 years experience as a footballer,
2.3 At least five (5) years coaching experience in football,

2.4. SEC (Grades 1-5) in Maltese, English and Maths, and another subject, preferably a science subject, or equivalent, or higher,

2.5 Competency in IT applications at ECDL Level especially Word and email, or equivalent,

2.6 Fluency in Maltese and English, spoken and written,

2.7 Ċertifikat validu ta' kors fil-First Aid. Kandidati li m'għandhomx dan iċ-ċertifikat jiġu kkunsidrati wkoll iżda jkollhom jagħmlu kors tal-First Aid fl-iqsar żmien possibbli,

2.8 Ċertifikat tal-kondotta nadifa maħruġ riċentement mill-Pulizija ta' Malta.

Applikanti (i) b'esperjenza ta' futbol internazzjonali ta' mill-inqas sena fil-livell tat-tim nazzjonali u/jew (ii) bi kwalifika akkreditata postsekondarja jew terzjarja fl-isport jew f'oqsma relatati mal-isports jingħataw preferenza.

Tiġi kkunsidrata esperjenza preċedenti fl-għoti tal-programm 'Bil-Qari u bil-Kitba Niskorja' jew programmi sportivi/edukattivi oħra.

F'każ li ma jkunx hemm applikanti li jissodisfaw il-kriterji kollha, jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet minn kandidati li ma jissodisfawx xi waħda minn dawn il-kriterji: 2.2, 2.3, 2.4, jew 2.5.

3. Applikazzjonijiet

Il-kandidati għandhom jissottomettu l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenza f'format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom permezz ta' ittra eletronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta rreġistrata jew bl-idejn lil: Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, NCC, Triq Joseph Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru, 2022, f'nofsinhar.

Deskrizzjoni aktar dettaljata tax-xogħol tinsab fuq (www.education.gov.mt/nla). Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

L-4 ta' Ottubru, 2022

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għal Servizzi ta' Xiri u Reklutaġġ

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden kandidati eliġibbli li jixtiequ joffru servizzi ta' xiri u reklutaġġ, għall-perjodu bejn Ottubru 2022 u Marzu 2023, biex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu tali servizz fuq il-post, waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju. Is-servizz qed jintalab fuq bażi ta' kuntratt għal servizz sa medja ta' seba' (7) sigħat għal kull ġurnata tax-xogħol. Is-servizz huwa mħallas bir-rata ta' €11.94 fis-siegħa, inkluż il-VAT jekk applikabbli. L-applikanti jissejħu għal intervista.

2.7 Hold a valid First Aid certificate course. Candidates who do not possess this certificate will be also considered but they will have to undertake a First Aid course at the first available opportunity,

2.8 Hold a clean valid police conduct certificate.

Applicants (i) with international experience of at least one year at national team level and/or (ii) with accredited post-secondary or tertiary qualification in sports or sports related fields will be given preference.

Prior experience delivering the 'Footballers' Read and Write Programme' or other sports/ educational programmes will be taken into consideration.

In the absence of applicants who satisfy all the criteria, applications will be considered from candidates who do not meet one of the following criteria: 2.2, 2.3, 2.4, or 2.5.

3. Applications

Candidates should submit their expression of interest, together with a summary of qualifications and experience in a Europass Curriculum Vitae format and a copy of their relevant scanned certificates by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post or by hand to the National Literacy Agency, NCC, Triq Joseph Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday, 14th October, 2022, at noon.

A more detailed job description can be found on (www.education.gov.mt/nla). Further information may be obtained by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3325.

4th October, 2022

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Expression of Interest for Procurement and Recruitment Services

The National Literacy Agency invites eligible candidates who would like to offer procurement and recruitment services, for the period between October 2022 and March 2023, to express their interest to provide such service on site, during office hours. The service is being requested on a contract for service basis of up to an average of seven (7) hours per working day. Service is remunerated at €11.94 per hour, inclusive of VAT if applicable. Applicants will be required to sit for an interview.

1. Dmirijiet u Responsabbiltajiet Ewlenin

Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-kandidat/i magħżul/a jinkludu li l-persuna:

Tgħin fix-xiri u l-ġestjoni ta' riżorsi materjali meħtieġa għat-tmexxija ta' kuljum tal-Aġenzija, f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli;

Tassisti lill-impjegati tal-Aġenzija fix-xiri u l-ġestjoni tar-riżorsi meħtieġa għat-twettiq tar-rwol tagħhom u l-kisba tal-miri tal-programmi li huma jamministraw;

Tikkomunika mal-awtoritajiet rilevanti u/jew mal-forniturі tas-servizzi biex tiżgura l-manutenzjoni xierqa tal-bini u t-tagħmir tal-Aġenzija;

Tassisti lill-Kap Eżekuttiv u/jew lid-delegat tiegħu/tagħha fl-ippjanar tar-riżorsi umani u l-allokazzjoni tal-impjegati;

Tiffaċilita l-proċess ta' reklutaġġ billi jiġu segwiti l-proċeduri statutorji, ikun hemm kuntatt mal-awtoritajiet rilevanti, u jinżammu r-rekords kif meħtieġ;

Tassisti lill-Kap Eżekuttiv u/jew lid-delegat tiegħu/tagħha fil-ġestjoni bla xkiel u preċiża tas-sistema tal-pagi tal-Aġenzija.

2. Kriterji tal-Eliġibbiltà

a. Livell terzjarju ta' edukazzjoni (kwalunkwe degree f'Livell 6 tal-MQF jew ogħla);

b. Mill-inqas 10 snin esperjenza fis-servizz pubbliku jew fis-settur pubbliku fi rwol amministrattiv li jinkludi xiri ta' materjal u servizzi skont il-proċeduri taċ-ċivil;

c. Mill-inqas ħames (5) snin esperjenza fi rwol li jinvolvi aspetti tar-reklutaġġ;

d. Kompetenza fil-Malti u fl-Ingliż, mitkellma u miktuba, ippruvata b'mill-inqas ĊES (Gradi 1-5) fil-Malti u l-Ingliż, jew ekwivalenti, jew ogħla;

e. Kompetenza fl-applikazzjonijiet tal-IT b'mod speċjali Word, Excel u email;

f. Ċertifikat validu ta' kondotta nadifa maħruġ mill-Pulizija ta' Malta.

3. Applikazzjonijiet

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien mal-ġabra tal-kwalifiki u esperjenza f'format

1. Main Duties and Responsibilities

The duties and responsibilities of the selected candidate/s shall include:

Supporting the procurement and management in line with applicable laws and regulations the material resources required for the daily running of the Agency;

Assisting the Agency's staff in the procurement and management of resources required for the fulfilment of their role and the achievement of the targets of the programmes they administer;

Liaising with the relevant authorities and/or service providers to ensure the proper maintenance of the Agency's premises and equipment;

Assisting the CEO and/or his/her delegate with human resource planning and staff allocation;

Facilitating the recruitment process by following statutory procedures, liaising with relevant authorities, and maintaining records as required;

Assisting the CEO and/or his/her delegate in ensuring the smooth and accurate management of the Agency's payroll system.

2. Eligibility Criteria

a. Tertiary level of education (any degree at MQF Level 6 or higher);

b. At least 10 years' experience in the public service or the public sector in an administrative role that includes procurement of resources and services in accordance with applicable procedures;

c. At least five (5) years' experience in a role involving aspects of recruitment;

d. Fluency in Maltese and English, spoken and written, evidenced by at least SEC (Grades 1-5) in Maltese and English, or equivalent, or higher;

e. Competency in IT applications at especially Word, Excel and email;

f. Hold a clean valid police conduct certificate.

3. Applications

Candidates should submit their expression of interest, together with a summary of qualifications and experience

ta' Curriculum Vitae tal-Europass u kopja taċ-ċertifikati skenjati rilevanti tagħhom permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta reġistrata jew bl-idejn lil: Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, NCC, Triq Joseph Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru, 2022, f'nofsinhar.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew permezz tan-numru tat-telefown 2598 3325.

L-4 ta' Ottubru, 2022

ORGANIZZAZZJONI NAZZJONALI TA' KONTRA D-DOPING

Lista tas-Sustanzi u Metodi Projbiti 2023

B'referenza għal Avviz Legali 104 tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta Art. 4, l-Organizzazzjoni Nazzjonali ta' Kontra d-Doping tixtieq tavża lill-pubbliku ġenerali li l-Lista tas-Sustanzi u Metodi Projbiti 2023 se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2023. Il-lista tinsab fis-sit elettroniku (http://nadomalta.org/the-prohibited-list/).

L-4 ta' Ottubru, 2022

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Roħs fit-Taxxa Permezz ta' Inċentivi Fiskali 2022

1. Titolu u l-għan tal-iskema

L-għan tal-Iskema Roħs fit-Taxxa Permezz ta' Inċentivi Fiskali huwa li jingħata roħs ta' taxxa tal-proprjetà fuq bejgħ ta' dar li tkun ilha mikrija b'kera affordabbli għal numru ta' snin. Jingħata roħs ta' taxxa tal-proprjetà fuq l-ewwel €200,000 f'bejgħ ta' dar li tkun ilha mikrija b'kera affordabbli għal aktar minn tlett (3) snin, fejn id-dar tinbiegħ lill-inkwilin stess. Dan fejn l-inkwilini huma eliġibbli għall-Benefiċċju tal-Kera maħruġ mill-Awtorità tad-Djar. Nafu li permezz ta' dan l-inċentiv qegħdin nolqtu porzjon sostanzjali mill-proprjetajiet li hemm fis-suq tal-kera kontrollat antiki. Dan huwa inċentiv qawwi lis-sidien u opportunità lill-inwklini biex isaħħu l-qagħda tagħhom b'mod li jkun ġust mas-sidien.

2. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:-

(a) "kera affordabli" tfisser li l-kera mħallsa fuq il-proprjeta' tkun inqas minn dik indikata fit-tabella segwenti, skond id-daqs u l-belt jew raħal fejn tinsab il-proprjeta'.

in a Europass Curriculum Vitae format and a copy of their relevant scanned certificates by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post or by hand to: National Literacy Agency, NCC, Triq Joseph Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday, 14th October, 2022, at noon.

Further information may be obtained by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3325.

4th October, 2022

NATIONAL ANTI-DOPING ORGANISATION

List of Prohibited Substances and Methods 2023

With reference to Legal Notice 104 of 2021 of the Laws of Malta Art. 4, the National Anti-Doping Organisation is notifying the general public that the List of Prohibited Substances and Methods 2023 will come into effect on 1st January, 2023. The list can be retrieved from the website (http://nadomalta.org/the-prohibited-list/).

4th October, 2022

HOUSING AUTHORITY

Tax Reduction Scheme Through Fiscal Incentives 2022

1. Title and aim of the scheme

The aim of the Tax Rebate Scheme through fiscal incentives is to grant a property tax rebate on the sale of a residential property that has been rented at affordable rents for a number of years. A property tax rebate is given on the first €200,000 of the sale of a property that has been leased at affordable rents for more than three (3) years, where the property is sold to the tenant himself and this where, the tenants are eligible for the Rent Benefit granted by the Housing Authority. It is a known fact that through this incentive the Housing Authority is targeting a substantial amount of properties which are governed by the old rental market. This is a strong incentive for the owners and an opportunity for the tenants to strengthen their situation in a way that is fair to owners.

2. Definition of terms

Throughout the Notice unless the context otherwise requires:

(a) "affordable rent" shall mean that the rent paid was less than that indicated in the following table according to the size and locality where the property is situated.

Belt jew Raħal	**Residenza b'kamra tas-sodda waħda***	**Residenza b'żewġ kmamar tas-sodda***	**Residenza bi tliet kmamar tas-sodda***
Locality	***One-bedroom Dwelling****	***Two-bedroom Dwelling****	***Three-bedroom Dwelling****
Fontana; Għajnsielem; Għarb; Għasri; Munxar; Nadur; Qala; San Lawrenz; Ta' Kerċem; Ta' Sannat; Victoria; Xagħra; Xewkija; Żebbuġ	€ 298	€ 408	€ 468
Ħal Għargħur; Mellieħa; Mġarr; Mosta; Naxxar; San Pawl il-Baħar	€ 408	€ 510	€ 595
Ħad-Dingli; Ħal Balzan; Ħal Lija; Ħ'Attard; Ħaż-Żebbuġ; Iklin; Mdina; Mtarfa; Rabat; Siġġiewi	€ 425	€ 519	€ 638
Birkirkara; Gżira; Ħal Qormi; Ħamrun; Msida; Pembroke; San Ġwann; Santa Venera; San Ġiljan; Swieqi; Ta' Xbiex; Tal-Pietà; Tas-Sliema.	€ 510	€ 680	€ 808
Bormla; Birgu; Fgura; Furjana; Ħal Luqa; Ħaż-Żabbar; Isla; Kalkara; Marsa; Raħal Ġdid; Santa Luċija; Ħal Tarxien; Valletta; Xgħajra.	€ 436	€ 510	€ 595
Birżebbuġa; Gudja; Ħal Għaxaq; Ħal Kirkop; Ħal Safi; Marsaxlokk; Mqabba; Qrendi; Wied il-Għajn; Żejtun; Żurrieq.	€ 383	€ 510	€ 595

* L-applikanti għandhom jissottomettu ċertifikat ta' Perit li jindika d-daqs tal-proprjeta f'metri kwadri kif ukoll in-numru ta' kmamar tas-sodda. Madanakollu, jekk ir-residenza tkun iżgħar minn kif stipulat fil-linji gwida maħruġa mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar (55m², 90m² u 115m² għal residenzi b' 1, 2 u 3 kmamar tas-sodda rispettivament), l-Awtorita' tad-Djar tista, fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, tikkwalifika l-proprjeta' f'kategorija ta' daqs differenti minn dik indikata fiċ-ċertifikat tal-Perit.

(b) "applikanti" tfisser il-persuni fiżiċi li huma is-sidien u l-inkwilini tar-residenza li ser tinbiegħ u li għandhom jissottomettu l-applikazzjoni flimkien u *in solidum*. F'din l-iskema s-singular jimporta l-plural u l-maskil jimporta l-femminil.

(c) "l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tad-Djar imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att tal-Awtorità tad-Djar: (Kap 261);

(d) "Skema" tfisser "Skema Roħs fit-Taxxa Permezz ta' Inċentivi fiskali ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-erbgħa t'Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (04/10/2022)

(e) "dħul annwu aggregat" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fil- klawżola 7 ta' din l-iskema.

* The applicants must submit a certificate by an architect of their choice which indicates the size of the properties in meters squared and the number of bedrooms available. Nonetheless, should it transpire that the property is smaller than that indicated in the Planning Authority guidelines (55m², 90m² and 115m² for 1, 2 and 3 bedroom dwelling respectively), the Housing Authority may, at its absolute discretion, decide that the property belongs to a different size category than that indicated in the architect's certificate.

(b) "applicants" means persons who are owners and tenants of the residence that will be sold and who should submit the application together and *in solidum*. In this scheme, the singular shall import the plural and the masculine shall import the feminine.

(c) "the Authority" means the Housing Authority established by Article 3 of the Housing Authority Act, (Cap 261);

(d) "Scheme" means "Tax Reduction Scheme Through Fiscal Incentives" published in the Government Gazette of the 4th October 2022;

(e) "aggregate annual income" has the same meaning assigned to it in Clause 7 of this Scheme.

3. Kundizzjonijiet tal-iskema

(a) Sabiex kemm sid il-kera kif ukoll inkwilin jkunu eżentati milli jħallsu taxxa fuq l-ewwel €200,000 tal-prezz tal-proprjetà, is-segwenti kundizzjonijiet iridu jkunu onorati:-

(i) Is-sid, flimkien mal-predeċessuri tiegħu fit-titlu f'każ biss fejn is-sid akkwista l-proprjeta' permezz ta' wirt, ikun ilu jikri l-proprjeta' lill-istess inkwilin jew lil familja tiegħu (f'każ ta' wirt tal-kirja skond il-liġi) għal perjodu ta' mill-anqas għaxar (10) snin b'kera affordabli kif indikat fi klawżola 2(a);

(ii) Matul l-aħħar għaxar snin l-inkwilin kien eliġibbli għal benefiċċju tal-kera bi dħul ta' mhux aktar minn dak stabbilit fl-iskema Benefiċċju tal-Kera ppubblikata mill-Awtorità tad-Djar fil-Gazzetta tal-Gvern maħruġa fl-1 ta' Frar 2019 kif ukoll emendi sussegwenti. L-inkwilin irid jissottometti rendikont tad-dħul tiegħu li jkopri l-aħħar għaxar (10) snin qabel l-applikazzjoni taħt din l-iskema.

(b) Sabiex kemm sid il-kera kif ukoll inkwilin jkunu eżentati milli jħallsu ħamsin fil-mija (50%) tat-taxxa fuq l-ewwel €200,000 tal-prezz tal-proprjetà, is-segwenti kundizzjonijiet iridu jkunu onorati:-

(i) Is-sid, flimkien mal-predeċessuri tiegħu fit-titlu f'każ biss fejn is-sid akkwista l-proprjeta' permezz ta' wirt, ikun ilu jikri l-proprjeta' lill-istess inkwilin jew lil familja tiegħu (f'każ ta' wirt tal-kirja skond il-liġi) għal perjodu ta' mill-anqas tliet (3) snin b'kera affordabli kif indikat fi klawżola 2(a);

(ii) Matul l-aħħar tlett snin l-inkwilin kien eliġibbli għal benefiċċju tal-kera bi dħul ta' mhux aktar minn dak stabbilit fl-iskema Benefiċċju tal-Kera ppubblikata mill-Awtorità tad-Djar fil-Gazzetta tal-Gvern maħruġa fl-1 ta' Frar, 2019 kif ukoll emendi sussegwenti. L-inkwilin irid jissottometti rendikont tad-dħul tiegħu li jkopri l-aħħar tlett (3) snin qabel l-applikazzjoni taħt din l-iskema.

(c) F'każ ta' kirja li bdiet qabel l-1 ta' Ġunju 1995, it-tfal tal-inkwilin li ilhom jgħixu mal-ġenituri għal erba' snin mill-aħħar ħames snin qabel l-1 ta' Ġunju, 2008, jistgħu jixtru l-proprjetà u jibbenefikaw minn din l-iskema.

4. Proċessar tal-Applikazzjoni

(a) L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa mis-sidien u l-inkwilini flimkien;

(b) Jiġi verifikat li l-inkwilini ilhom jgħixu fir-residenza għal dawn l-aħħar tlett (3) jew għaxar (10) snin;

3. Conditions of the scheme

(a) In order for both the landlord and the tenant be exempted from paying tax on the first €200,000 of the property price, the following conditions are to be met:-

(i) The owner, together with their predecessor in title if the property was inherited, must have leased the property to the same tenant (or their predecessors in case of a lease inherited as stipulated at law) for a period of ten (10) years at an affordable rent as stipulated in clause 2(a);

(ii) During the last ten years the tenant must have been eligible for rent benefit; ie their income did not exceed that established in the Rent Benefit Scheme published by the Housing Authority in the Government Gazette issued on 1st February 2019 together with its subsequent amendments. The tenant must submit an official document showing the income covering the last ten (10) years prior to the application under this scheme.

(b) In order for both the landlord and the tenants be exempted from paying fifty percent (50%) of the tax on the first €200,000 of the property's price, the following conditions are to be met:-

(i) The owner, together with their predecessor in title if the property was inherited, must have leased the property to the same tenant (or their predecessors in case of a lease inherited as stipulated at law) for a period of three (3) years at an affordable rent as stipulated in clause 2(a);

(ii) During the last three (3) years the tenant must have been eligible for rent benefit; ie their income did not exceed that established in the Rent Benefit Scheme published by the Housing Authority in the Government Gazette issued on 1st February, 2019 together with its subsequent amendments. The tenant must submit an official document showing the income covering the last three (3) years prior to the application under this scheme.

(c) In case of a lease which commenced before 1st June 1995, the children of the tenants who have been living with their parents since four (4) years out of the last five (5) years before 1st June,2008, can buy the property and benefit under this scheme.

4. Process of Applications

(a) The application must be submitted by the owners and tenants jointly;

(b) Verification is carried out to ascertain that the tenants have lived in the property for the last three (3) or ten (10) years;

(c) Jiġi verifikat li r-relazzjoni sid-inkwilin ilha għaddejja għal dawn l-aħħar tlett (3) jew għaxar (10) snin b'kera affordabbli;

(d) Jiġi verifikat li d-dħul tal-inkwilin jissodisfa il-kriterji ta' din l-iskema;

(e) Jiġi maħruġ Ċertifikat li jistabbilixxi il-perċentwal ta' roħs ta' taxxa fuq il-bejgħ tal-proprjetà. Dan iċ-Ċertifikat jkun validu għal perijodu ta' tlett (3) snin;

(f) Iċ-Ċertifikat għandu jiġi preżentat lin-Nutar tal-applikanti. In-Nutar għandu jwettaq il-verifiki meħtieġa ma' l-Awtorita' tad-Djar sabiex jaċċerta ruħu mill-awtentiċita' tad-dokument ipprovdut mill-applikanti.

5. Metodu ta' applikazzjoni

(a) Inkwilini u sidien li jikkwalifikaw taħt din l-iskema għandhom jissottomettu applikazzjoni flimkien *in solidum* fuq formola preskritta fl-uffiċċju tal-Awtorità tad-Djar 22, Triq Pietro Floriani, Floriana u mill-fergħa tal-Awtorità tad-Djar Victoria, Għawdex jew fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità.

(b) L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa qabel jiġi ffirmat l-Att tal-Konvenju.

6. Validità tal-applikazzjoni

Biex l-applikazzjoni tkun valida għandha:-

(a) tkun fuq il-formola preskritta mill-Awtorità u timtela kollha;

(b) tkun iffirmata mill-applikant/i kollha;

(c) tkun ippreżentata bid-dokumenti kollha mitluba;

7. Dħul annwu totali tal-applikant

Għall-skopijiet ta' din l-applikazzjoni d-dħul annwu aggregat tal-inkwilin huwa dak stabbilit fl-iskema Benefiċċju tal-Kera ppubblikata mill-Awtorità tad-Djar fil-Gazzetta tal-Gvern maħruġa fl-1 ta' Frar 2019 kif ukoll emendi sussegwenti.

8. Skwalifika

Persuna ma tikkwalifikax biex tapplika taħt din l-iskema:-

(a) jekk id-dħul annwu totali tal-inkwilin jeċċedi s-somma kif stipulata fi Klawżola 3;

(c) Verification is carried out to ascertain that the landlord-tenant relationship has been ongoing for the last three (3) or ten (10) years at an affordable rent;

(d) The income of the tenant is checked to determine whether it meets the criteria of the scheme;

(e) A Certificate is issued that establishes the percentage of tax rebate on the sale of property. This Certificate will be valid for a period of three (3) years;

(f) Applicants shall present the certificate provided to their Notary. The Notary shall make the necessary verifications with the Housing Authority to ensure the autenticity of the document provided by the applicants.

5. **Method of application**

(a) A landlord and a tenant qualifying under this Scheme shall submit an application jointly and *in solidum* on the prescribed form and shall deliver same at the office of the Housing Authority number 22 Pietro Floriani Street Floriana, at the Housing Authority branch in Victoria, Gozo or from the Housing Authority website.

(b) The application should be submitted prior to the signing of the Promise of Sale.

6. Validity of the application.

To be valid the application must satisfy the following requirements:-

(a) the application must be made on the prescribed form and must be duly and completely filled;

(b) the application must be signed by all applicants;

(c) the application must be presented together with all necessary documents;

7. Applicants' aggregate annual income

For the purposes of this application the aggregate annual income of the tenants is that established in the Rent Benefit Scheme published by the Housing Authority in the Government Gazette issued on 1st February 2019 as well as its subsequent amendments.

8. Disqualification

Persons shall not qualify to make an application under this scheme if:-

(a) the aggregate annual income exceeds the amount as laid down in Clause 3;

(b) f'każ li l-inkwilini ma jkunux ilhom jirrisjedu fil-proprjetà kif stabbilit fi Klawżola 3;

(c) f'każ li kirja ma tkunx dik affordabbli kif stabbilit fi klawżola 2(a);

(d) jekk l-inkwilin huwa persuna li jirrikjedi permess mingħand il-Ministeru responsabbli mill-Finanzi skond Kap 246 tal-Liġi ta' Malta sabiex ikun jista jixtri proprjeta'.

9. Informazzjoni

L-Awtorità tistà titlob lill-applikant biex jiffirma u jikkonferma bil-ġurament kull dikjarazzjoni li hi tistà tqis meħtieġa għat-twettiq ta' din l-iskema.

10. Piena għal dikjarazzjonijiet foloz

Jekk f'xi żmien jirriżulta li l-applikant jkun għamel dikjarazzjoni falza jew ta informazzjoni u dokumenti mhux korretti għall-finijiet tal-applikazzjoni taħt din l-iskema, mingħajr preġudizzju għal xi piena li huwa jkun setgħa sar suġġett għaliha taħt xi liġi oħra, l-applikant jkun suġġetti għall-pagament lill-Awtorità ta' penali li l-Awtorità tad-Djar tqis xierqa u li tista' tiġi indikata permezz ta' policy deċiża mill-Bord tal-Awtorità tad-Djar minn żmien għal żmien. Huwa jkun wkoll skwalifikat għall-perjodu ta' ħames (5) snin milli jibbenefika taħt xi skema magħmula bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-Akkomodazzjoni Soċjali, u jitlef d-dritt għal xi sussidji taħt din l-iskema.

Dikjarazzjoni jew dokumenti skorretti jew foloz jistgħu jesponu lill-applikant għal proċeduri kriminali.

11. Ħlas amministrattiv u abbandun ta' applikazzjonijiet

(a) Kull applikazzjoni taħt din l-iskema għandha tiġi preżentata personalment minn wieħed mill-applikanti lill-Awtorità u dik l-applikazzjoni ma tiġix aċċettata kemm-il darba ma jkunx hemm magħha s-somma ta' ħamsin Ewro (€50) bħala ħlas amministrattiv.

(b) Meta xi applikant taħt din l-iskema jwaqqaf l-ipproċessar tal-applikazzjoni, l-applikazzjoni titqies li ġiet abbandunata u kull ħlas u depositu mħallsa jintilfu. F'kull każ kull spiża magħmula mill-applikant in konnessjoni mal-applikazzjoni tiegħu tkun a karigu tiegħu u ma jiġux meħuda lura mill-istess applikant kemm jekk l-applikazzjoni tkun aċċettata mill-Awtorità kemm jekk ma tiġix aċċettata mill-Awtorità.

12. Dritt ta' rifjut ta' applikazzjoni

Minkejja kull ħaġa li tinsab fid-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema l-Awtorità jkollha d-dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni.

(b) the tenants have not been residing in the property as laid down in Clause 3;

(c) the rent is not affordable as established in clause 2(a);

(d) the tenant is a person who requires permission from the Ministry responsible for Finance to purchase a property and this in accordance with Chapter 246 of the Laws of Malta.

9. Information

The Authority may require the applicants to sign and confirm any declaration in any form even under oath it may consider necessary for the carrying out of this Scheme.

10. Penalty for false information

If at any time, it results that applicants have made a false declaration or given incorrect information/documents for the purposes of any application, without prejudice to any penalty for which they may have become liable under any other law, applicants shall be liable to the payment to the Authority, of a fine which the Authority deems fit. They will also be disqualified for a period of five (5) years from benefiting from any scheme made with the approval of the Minister responsible for Housing and shall forfeit the right to any benefit under this Scheme.

Incorrect or false declaration/documents may also lead the applicant to the commencement of criminal procedures against him.

11. Administrative charges and abandoned applications

(a) Each application for assistance under this Scheme shall be lodged to the Authority and that application shall not be accepted unless accompanied by the sum of fifty Euros (€50) as an administrative charge.

(b) Where any applicant under this Scheme stops the processing of the application, the application shall be deemed to have been abandoned and any expenses and deposits incurred by the applicants in connection with their application, shall not be recoverable by the applicants whether or not their application is successful. These deposits are not refundable for any reason.

12. Right of refusal

Notwithstanding anything contained in the foregoing provisions of this Scheme, the Authority shall have the right to refuse any application.

13. Tul tal-iskema

Din l-iskema tibqà in vigore għall-perjodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Gazzetta tal-Gvern. F'din l-eventwalità l-Awtorità tad-Djar iżżomm id-dritt li tippubblika avviż fil-Gazetta tal-Gvern li jindika l-iskadenza tal-iskema.

14. Interpretazzjoni

F'kull każ qed jiġi ribadit li f'każ ta' diverġenza bejn it-test Malti u dak Ingliż, it-test Malti għandu jipprevali.

15. Emendi għall-iskema

L-Awtorità żżomm id-dritt li tagħmel kwalunkwe emenda neċessarja għal din l-iskema billi tippubblika dawn l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern. Tali emendi jistgħu jsiru anke biex japplikaw b' mod retroattiv. Ebda emenda ma tistà tesponi lill-Awtorità għal xi azzjoni ta' danni jew għal xi azzjoni legali oħra. Dawn ir-regolamenti jkunu jifformaw parti mill-ftehim u f'każ ta' diverġenza bejn dawn ir-regolamenti u dak li jiġi indikat fil-kuntratt, għandu japplika dak li jkun l-aktar favorevoli għall-Awtorità tad-Djar.

L-4 ta' Ottubru, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar l-Erbgħa, 5 ta' Ottubru, 2022, mill-10.00 a.m. sa nofsinhar, Triq San Ġwann (mill-kantuniera ta' Triq San Bartilmew sal-kantuniera ta' Triq Mons. L.Catania) se tkun magħluqa għat-traffiku.

L-4 ta' Ottubru, 2022

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi b'mod temporanju nhar is-Sibt, 15 u l-Ħadd, 16 ta' Ottubru, 2022, Triq San Dimitri se tkun 'one way' fejn it-traffiku jista' jidħol minn Triq Birbuba għal Triq San Dimitri.

Ir-residenti ta' din it-triq se jkollhom permess li jgħaddu għal Triq Mongur meta jipprovdu l-karta tal-identità tagħhom fil-ħinijiet tas-Sibt sad-9.00 a.m. u minn nofsinhar sas-1.00 p.m. u mill-4.00 p.m. sal-5.00 p.m., kif ukoll nhar il-Ħadd, 16 ta' Ottubru, 2022, sad-9.00 a.m. u mill-11.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mill-4.00 p.m. sal-5.00 p.m. Il-parti t'isfel ta' Triq Trux se tkun 'no entry' għajr għar-residenti.

L-4 ta' Ottubru, 2022

13. Duration of scheme

This Scheme shall remain in force for a period of one (1) year from the date of its publication in the Government Gazette. The Housing Authority reserves the right to publish a notice in the Government Gazette indicating the withdrawal of the scheme.

14. Interpretation

In case the Maltese text differs from the English text, the Maltese text will prevail.

15. Amendment of scheme

The Authority shall have the right to make any amendments to this Scheme by publication of the said amendments in the Government Gazette. Such amendments may be made applicable retroactively. No amendments shall subject the Authority to an action for damages or any other legal action. The conditions of this scheme should form an integral part of the deed and in case were the conditions of this scheme are different from the conditions indicated in the deed, the conditions which are most favourable to the Authority are to be applied.

4th October, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Wednesday, 5th October, 2022, from 10.00 a.m. till noon, Triq San Ġwann (from the corner of Triq San Bartilmew to the corner of Triq Mons. L. Catania) will be closed to all traffic.

4th October, 2022

GĦARB LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Għarb Local Council notifies that on a temporary basis on Saturday, 15th and Sunday, 16th October, 2022, Triq San Dimitri will be no entry where traffic will go through Triq Birbuba and then Triq San Dimitri.

Residents of this street will be allowed to go towards Triq Mongur upon presentation of ID Card only on Saturday up to 9.00 a.m. and from noon till 1.00 p.m. and from 4.00 p.m. till 5.00 p.m., and also on Sunday, 16th October, 2022, up to 9.00 a.m. and from 11.00 a.m. till 1.00 p.m. and from 4.00 p.m. till 5.00 p.m. Triq Trux lower part will be no entry except for residents.

4th October, 2022

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 6 ta' Ottubru, 2022, għal:

Avviż Nru. 103. Bejgħ ta' sit tale quale fi Triq it-Telegrafu, In-Nadur, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0409. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur il-proprjetà adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €3,341 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlieta u tletin elf u erba' mija u tmien ewro (€33,408) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 104. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fit-18 ta' Settembru, 2031, tal-ħanut vojt tale quale f'Nru. 4, Blokk 'O', Triq il-Ġilju, Santa Luċija, kif muri bl-aħmar u mmarkat Shop No. 4 fuq il-pjanta P.D.11_82_111_A. Il-kerrej preżenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €4,910 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u sitt mija u sitta u tletin ewro u tletin ċenteżmu (€1,636.30) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 105. Bejgħ ta' sit tale quale li jinsab bejn Triq L-Imrejkba u Triq il-Fliegu, San Pawl il-Baħar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2008_275_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €28,395 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' miljun u dsatax-il elf u seba' mija u tnejn u erbgħin ewro (€1,019,742) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa taL-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 20 ta' Ottubru, 2022, għal:

Avviż Nru. 106. Għotja b'ċens temporanju għall-perjodu ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, għal Fond Kummerċjali tale quale fl-istat li jinsab fih inkluż id-difetti kollha li hemm f' Nru. 194, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 6th October, 2022, for:

Advt No. 103. Sale tale quale of a Site at Triq it-Telegrafu, Nadur, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D.2022_0409. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €3,341 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirty-three thousand and four hundred and eight euro (€33,408) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 104. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 18th September, 2031, of the bare shop tale quale at No. 4, under Block 'O', Triq il-Ġilju, Santa Luċija, as shown edged in red and marked Shop No. 4 on plan P.D.11_82_111_A. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €4,910 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and six hundred and thirty-six euro and thirty cents (€1,636.30) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No.105. Sale of a site tale quale between Triq l-Imrejkba and Triq il-Fliegu, San Pawl il-Baħar, as shown edged in red on the plan P.D.2008_275_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €28,395 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one million and nineteen thousand and seven hundred and forty-two euro (€1,019,742) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 20th October, 2022, for:

Advt No. 106. Grant on a temporary emphyteusis for a period of twenty-five (25) years of the Commercial Premises tale quale in its present state including all the defects therein, at No. 194, Triq ir-Repubblika, Valletta shown edged in red

fuq pjanta P.D.2019_0537. Din il-propjeta' ma' tistax tintuża għal skopijiet residenzjali. Dan iċ-ċens ma jistax jiġi mifdi bl-ebda mod u dan l-anqas jekk ikun permess skont xi liġi jew avviż legali. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnejn u għoxrin elf u seba' mija u ħamsin ewro (€22,750) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 107. Għotja b'ċens temporanju għall-perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena, għal Fond Kummerċjali tale quale f' Nru. 93, Triq Santa Marija, Tas-Sliema, muri bid-dettall u bl-aħmar fuq pjanta P.D.2013_332. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €22,206 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebat elef u erba' mija u tnejn ewro (€7,402) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 108. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' Sit fi Triq Tal-Ġebel, Birżebbuġa muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2018_0174. Dan is-sit jista' jkun soġġett minn servitujiet eżistenti li jridu jiġu rrispettati. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħmistax-il ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€15.33) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

